**3 ta' Lulju, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Geoffrey Valenzia B.A., LL.D.**

Marsovin Limited

*versus*

Joseph Vella *et*

***Lis alibi pendens***

*Din id-deċiżjoni tittratta dwar jekk l-eċċezzjoni dwar il-*lis alibi pendens *hix sostenibbli quddiem il-Qrati meta jkun hemm vertenza pendenti quddiem il-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha is-soċjetà attriċi ppremettiet illi hija kreditriċi tal-konvenuti konjuġi Vella fis-somma ta' ħamsa u sebgħin elf, seba' mija u ħamsa u għoxrin lira Maltija u disgħa u sittin ċenteżmu (Lm75,725.69) bilanċ ta' somma akbar, prezz ta' merkanzija mibjugħa u kkonsenjata kif jidher mill-prospett (Dok. B), flimkien ma' l-imgħax legali mid-data taċ-ċitazzjoni, liema dejn hu ċert, likwidu u skadut;

U premess illi fil-fehma tas-soċjetà attriċi l-konvenuti m'għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu kontra t-talba għall-ħlas ta' l-ammont mitlub u għalhekk hu l-każ li din il-Qorti tgħaddi biex tiddeċidi skond it-talba bid-dispensa mis-smigħ tal-kawża għat-tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Is-soċjetà attriċi talbet li din l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet premessi:

Tiddeċidi skond it-talba bid-dispensa mis-smigħ tal-kawża għat-tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta; u

Tikkundanna lill-konvenuti li jħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma fuq imsemmija ta' ħamsa u sebgħin elf, seba' mija u ħamsa u għoxrin lira Maltija, u disgħa u sittin ċenteżmu (Lm75,725.69ċ) bilanċ ta' somma akbar, prezz ta' merkanzija mibjugħa u kkonsenjata, flimkien ma' l-imgħax mid-data taċ-ċitazzjoni;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra interpellatorja kontra l-konvenuti;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 12 fejn eċċepew illi:

Fl-ewwel lok il-*lis alibi pendens* billi hemm proċeduri pendenti dwar l-istess meritu quddiem il-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust u għalhekk din il-kawża trid tistenna l-eżitu tal-pendenza quddiem dik il-kummissjoni;

Fit-tieni lok illi l-ammont irreklamat mhux wieħed korrett billi l-ammont se mai dovut huwa inferjuri għal dak imsemmi fiċ-ċitazzjoni;

Fit-tielet lok kien hemm diversi kommissjonijiet imwiegħda li ma ġewx imdaħħla fil-kont kurrent ta' bejn il-partijiet;

Fir-raba' lok l-attur ikkawża diversi danni lill-konvenut bl-aġir alusiv tiegħu u dawn ukoll iridu jitnaqqsu mill-kont kurrent;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Semgħet lill-avukati difensuri jittrattaw l-ewwel eċċezzjoni;

**Din hi deċiżjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti dwar *lis alibi pendens* billi hemm proċeduri pendenti dwar l-istess meritu quddiem il-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust;**

L-atturi qed jissottomettu li l-liġi dwar kompetizzjoni ġusta ma tipprovdi ebda sanzjoni ta' danni bejn il-partijiet imma fl-agħar ipotesi penali favur l-erarju pubbliku;

Il-konvenuti ssottomettew li l-eċċezzjoni tagħhom mhix waħda dwar kompensazzjoni (tpaċija) imma li l-kuntratt sar fuq termini pprojbiti fis-sens ta' l-att dwar kompetizzjoni ġusta u għalhekk l-atturi m'għandhomx bażi ta' azzjoni;

It-talba ta' l-atturi hija għall-kanonizzazzjoni ta' kreditu dwar prezz ta' merkanzija mibjugħa u kkonsenjata lill-konvenuti;

Jirriżulta mhux ikkontestat li dina l-merkanzija kienet ġiet mibjugħa lill-konvenuti u dawn kienu bigħuha lil terzi u daħħlu l-flus tagħha;

Jirriżulta ukoll mill-provi li l-konvenut ma kienx jikkontesta l-i*statements* li kien jirċievi kull ġimgħa u lanqas ma kkontesta l-*agency agreement* li kellu ma' l-atturi anzi kien

baqa' jieħu x-xogħol mingħandhom;

Mid-dokumenti esebiti jirriżulta li quddiem il-Kummissjoni l-konvenut mhux qed jitlob li jiġi ddikjarat null l-*agreement* bejn il-partijiet lanqas mhu qed jitlob danni, anzi jirriżulta li quddiem il-Kummissjoni l-konvenut mhux parti, iżda hija l-GRTU li hija l-parti;

Il-konvenuti ssottomettew li l-eċċezzjoni tagħhom mhix waħda dwar kompensazzjoni (tpaċija) imma l-kuntratt sar fuq termini pprojbiti fis-sens ta' l-att dwar kompetizzjoni ġusta u għalhekk m'hemmx bażi ta' azzjoni. Iżda dan l-argument kien ikun validu kieku l-ilment quddiem il-Kummissjoni kien taħt l-artikolu 5 u mhux taħt l-artikolu 9 kif fil-fatt sar mill-GRTU (ara dokumenti esebitti a fol. 45 *et seq* speċjalment dokument G a fol. 79);

Finalment jiġi osservat li anke kieku, il-konvenut ma jistax jipperċepixxi danni mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni billi dawn se mai ikunu dovuti lill-Gvern u mhux lill-individwu;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, bl-ispejjeż kontra tagħhom u tħalli l-kawża għall-provi fuq il-meritu għas-sittax (16) ta' Ottubru, 1997 fl-10.15 a.m.